# TAGĦRIF DWAR "MISSIER" PINOCCHIO

Ta' VIC APAP

Ftit xhur ilu r-RAI-TV ippreżentat episodji mibnijin fuq "Le Avventure di Pinocchio" ta' Collodi.

Jiena, bħal ħafna oħrajn, ma kontx naf li "Collodi" mhux ħlief il-psewdonimu ta' Carlo Lorenzini qabel ma ġiet f'idejja kitba fuq dan il-kittieb Taljan. F'din il-kitba ltqajt ma' tagħrif li nixtieq inwasslu lill-qarrejja ta' "Il-Malti".

Carlo Lorenzini twieled f'Firenze fl-24 ta' Novembru, 1826. Missieru kien kok u ommu ħajjata. Meta kiber Carlo daħal suldat mal-battaljun tal-voluntieri. Wara li mar lura f'Firenze beda joħroġ il-ġurnali "Il lampione" u "Lo scaramuccia", sakemm sena wara nħatar segretarju tal-gvern provviżorju tat-Toscana. Ma tantx dam wisq f'dax-xogħol għaliex il-gvern tbiddel u Lorenzini sab ruħu minn barra. Carlo ħtieġlu jdabbar rasu mill-aħjar li sata' billi beda jikteb f'rivisti, ikkompona xi kummiedji li ma tantx irnexxew, mar Milan jaħdem ma' l-editur Sonzogno, u fl-1859 raġa' daħal voluntier sakemm spiċċat il-gwerra. Fl-1860 qabad jaħdem mal-kummissjoni taċ-ċensura teatrali, u erba' snin wara nħatar segretarju fil-prefettura ta' Firenze. Fuq il-ħajja ta' Lorenzini ntqalu ħafna ġrajjiet li kien iħobb żaqqu, l-inbid u lil xi nisa sbieħ. B'danakollu, Lorenzini baqa' ma' żżewweġ qatt. Mhux hekk biss, imma l-għagħa tat-tfal madwaru kien idejqu wisq.

Carlo għex fil-faqar, imgħattan mid-dejn li kien jagħmel minħabba fil-logħob. U kien sewwa sew minħabba f'hekk li beda jikteb "Pinocchio". Ferdinando Martini kien beda joħroġ il "Giornale per i bambini" li kiseb mill-ewwel suċċess tal-għaġeb. Bosta drabi Martini kien talab lil ħabibu Carlo rumanz għat-tfal biex jistampah f'puntati fil-ġurnal tiegħu. Lorenzini ma qalx le, iżda ma wasal qatt li jmidd għonqu għax-xogħol. Darba, billi ħtieġlu jħallas dejn malajr, intafa' jikteb u dik il-lejla stess bagħat lil Martini gods karti bl-isem "La storia di un burattini", flimkien ma' nota li kienet tgħid hekk: "Qiegħed nibgħatlek din il-ħmerija. Agħmel biha li trid; imma jekk tistampaha ħallasni tagħha tajjeb biex tagħmilli l-qalb li nissokta". Dan kien fl-1881. Qabel ma lesta l-puntati kollha għaddew sentejn. Kultant Carlo kien jaqbeż ġimgħa għax ma kienx iħossu mħajjar jikteb fuq Pinocchio. Kien hekk iddejjaq jikteb li meta wasal fil-biċċa li Pinocchio jinqabad mill-briganti u dawn idendluh ma' fergħa ta' siġra tal-ballut biex imut imgħallaq, Lorenzini deherlu li

kienet ġietu x-xoqqa f'moxtha biex jeħles minn Pinocchio u jtemm ix-xogħol tiegħu. Imma ma kellux ikun hekk. Lill-editur tal-"Giornale per i bambini" bdew jaslulu eluf ta' ittri ta' protesta biex jissokta r-rakkont u biex Pinocchio jinħeles mill-mewt. Lorenzini kellu jbaxxi rasu: qabad lis-Saħħara tibgħat Bies li qata' l-ħabel ta' l-imgħallaq. Tliet snin wara Pinocchio deher stampat fi ktieb.

Illum, wara disgħin sena, il-ktieb ta' Collodi hu x-xogħol li l-aktar ġie maqlub f'ilsna wara l-Bibbja; ġie stampat f'aktar minn mitejn ilsien, fosthom b'xi djaletti Afrikani, u saħansitra bil-Latin: Pinoculus.

Kont sa ninsa ngħid li Collodi huwa isem ta' post fl-Italja madwar erba' kilometri bgħid minn Pescia. F'Ġunju ta' din is-sena f'Collodi nfetaħ il-"Paese dei Balocchi", bix-xbihat tal-karattri li niltaqgħu magħhom fil-ktieb ta' Pinocchio.